SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla)

12 ta' Ottubru 2016*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Direttiva 96/75/KE — Modalitajiet ta' noleġġ u ta' formazzjoni tal-prezzijiet fil-qasam tat-trasport ta' merkanzija permezz tal-passaġġi tal-ilma interni — Portata — Artikolu 1(b) — Kunċett ta' 'trasportatur' — Artikolu 2 — Libertà ta' konklużjoni ta' kuntratti u ta' nnegozjar ta' prezzijiet"

Fil-Kawża C-92/15,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-hof van beroep te Antwerpen (qorti tal-appell ta' Antwerpen, il-Belġju), permezz ta' deċiżjoni tal-15 ta' Diċembru 2014, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-25 ta' Frar 2015, fil-proċedura

Sven Mathys

vs

De Grave Antverpia NV,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla),

komposta minn M. Vilaras, President tal-Awla, J. Malenovský u D. Šváby (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Bobek,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal De Grave Antverpia NV, minn T. Kegels, advocaat,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn L. Nicolae u F. Wilman, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tikkonċerna l-interpretazzjoni tal-Artikolu 1(b) u tal-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/75/KE, tad-19 ta' Novembru 1996, dwar is-sistemi ta' kiri [noleġġ] u prezzar fit-trasport nazzjonali u internazzjonali bil-passaġġi fuq l-ilma interni fil-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 2, p. 508).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn Sven Mathys u De Grave Antverpia NV (iktar 'il quddiem "DGA") dwar il-validità u l-eżekuzzjoni ta' kuntratt li permezz tiegħu DGA afdat lil S. Mathys bit-trasport, permezz ta' bastiment għan-navigazzjoni fuq il-passaġġi tal-ilma interni, ta' ramel bejn żewġ punti partikolari fit-territorju Belġjan, bejn l-1 ta' Marzu 2005 u l-31 ta' Diċembru 2006.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 L-ewwel, it-tielet u l-ħames premessi tad-Direttiva 96/75 huma fformulati kif ġej:

"Billi l-problemi dejjem jiżdiedu tas-saturazzjoni fit-toroq u fuq il-linji tal-ferrovija, tas-sigurtà tat-trasport, ta' l-ambjent, ta' l-iffrankar ta' enerġija u ta' kwalità ta' ħajja taċ-ċittadin jitolbu, fl-interess pubbliku, għal iktar żvilupp u użu aħjar tal-potenzjal tat-trasport offrut minn passaġġi fuq l-ilma interni, b'mod partikolari billi titjieb il-kompetittività tagħhom;

[...]

Billi l-funzjonament bla diffikultà tas-suq intern jitlob aġġustament fit-trasport permezz ta' passaġġi fuq l-ilma interni lejn l-organizzazzjoni ta' kiri [noleġġ] b'rotazzjoni, biex wieħed jersaq lejn flessibiltà kummerċjali akbar u sistema ta' ħelsien ta' kiri u prezz;

[...]

Billi, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà, huwa kemm meħtieġ u kif ukoll adegwat li tkun stabbilita skeda uniformi ta' żmien fil-livell tal-Komunità għal-liberalizzazzjoni gradwali tas-suq, filwaqt li titħalla lill-Istati Membri r-responsabbiltà li jimplimentaw din il-liberalizzazzjoni".

4 Konformement mad-definizzjoni mogħtija fl-Artikolu 1(a) tad-Direttiva 96/75, "sistema ta' kiri [noleġġ] b'rotazzjoni" tikkonsisti essenzjalment fil-ħolqien ta' sistema ta' skambju fejn it-talbiet għal trasport jinqasmu bejn l-operaturi ta' bastimenti skont min ikun imissu u bi prezzijiet iffissati minn qabel.

5 Skont l-Artikolu 1(b) ta' din id-direttiva, "trasportatur" tfisser sid jew operatur ta' bastiment wieħed jew iktar għan-navigazzjoni fuq il-passaġġi tal-ilma interni.

6 L-Artikolu 2 tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

"Fl-oqsma tat-trasport nazzjonali u internazzjonali permezz ta' passaġġi fuq l-ilma interni fil-Komunità, għandhom ikunu konklużi kontratti b'mod liberu bejn il-partijiet ikkonċernati u prezzijiet għandhom ikunu nnegozjati b'mod liberu."

7 L-Artikoli 3 sa 6 tad-Direttiva 96/75 jirregolaw sistema tranżitorja, li ntemmet fl-1 zta' Jannar 2000. Minbarra fid-definizzjoni tal-kunċett ta' "sistema ta' kiri [noleġġ] b'rotazzjoni" li tinsab fl-Artikolu 1(a) ta' din id-direttiva, huwa esklużivament fid-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw din is-sistema tranżitorja li tintuża l-kelma "trasportatur", speċifikament fit-tieni inċiż tal-Artikolu 3 u fl-ewwel u fit-tieni inċiżi tal-Artikolu 6 tal-imsemmija direttiva.

8 Barra minn hekk, l-Artikoli 7 u 8 tal-istess direttiva jistabbilixxu u jirregolaw mekkaniżmu li permezz tiegħu, fil-każ ta' tfixkil serju tas-suq tat-trasport ta' merkanzija permezz tal-passaġġi tal-ilma interni, il-Kummissjoni Ewropea tista' tieħu l-miżuri adegwati, b'mod partikolari miżuri maħsuba sabiex tiġi evitata kwalunkwe żieda fil-kapaċità ta' trasport disponibbli fuq dan is-suq, u dan b'mod indipendenti mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1101/89, tas-27 ta' April 1989, dwar it-titjib strutturali fin-navigazzjoni fuq il-passaġġi tal-ilma interni (ĠU 1989, L 116, p. 25), li kien fis-seħħ dak iż-żmien u li kien intiż sabiex il-kapaċitajiet strutturali eċċessivi kkonstatati f'ċerti partijiet ta' dan is-suq jiġu miġġielda bil-qerda ta' bastimenti.

9 Fl-aħħar nett, l-Artikoli 9 sa 11 tad-Direttiva 96/75 jispeċifikaw, rispettivament, il-modalitajiet ta' traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet tagħha, id-data tad-dħul fis-seħħ tagħha u l-fatt li l-Istati Membri huma d-destinatarji tagħha.

Id-dritt Belġjan

10 Il-leġiżlazzjoni nazzjonali li tirregola t-tilwima fil-kawża prinċipali hija essenzjalment ikkostitwita, minn naħa, mill-wet op de binnenbevrachting (liġi dwar in-noleġġ fuq ix-xmajjar), tal-5 ta' Mejju 1936 (*Belgisch Staatsblad* tal-10 ta' Ġunju 1936, p. 4190), u, min-naħa l-oħra, mill-wet betreffende het statuut van de tussenpersonen op het gebied van het goederenvervoer (liġi dwar l-istatus tal-persuni anċillari fil-qasam tat-trasport tal-merkanzija), tas-26 ta' Ġunju 1967 (*Belgisch Staatsblad* tas-27 ta' Settembru 1967, p. 10121).

11 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-liġi tal-5 ta' Mejju 1936 dwar in-noleġġ fuq ix-xmajjar tipprovdi, fl-Artikolu 1 tagħha, li kull kuntratt li jikkonċerna l-użu ta' bastiment għan-navigazzjoni fuq il-passaġġi tal-ilma interni għall-finijiet tat-trasport jew tal-ħażna ta' merkanzija għandu jkun irregolat, sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor, mid-dispożizzjonijiet ta' din il-liġi.

12 Skont l-Artikolu 3 tal-imsemmija liġi, għall-finijiet tal-applikazzjoni tagħha, b'mod partikolari, "noleġġatur" għandha tfisser dak li jagħmilha ta' intermedjarju għall-konklużjoni ta' kuntratt ta' noleġġ (iktar 'il quddiem ukoll l-"aġent tan-noleġġ"), "spedizzjonier" għandha tfisser dak li jgħabbi l-bastiment fil-port ta' imbarkament u "operatur ta' bastiment" għandha tfisser is-sid tal-bastiment jew il-persuna responsabbli mqabbda mis-sid.

13 Mil-liġi tal-5 ta' Mejju 1936 dwar in-noleġġ fuq ix-xmajjar jirriżulta li l-kummissjoni tal-aġent tan-noleġġ hija dovuta mill-operatur tal-bastiment hekk kif, malli jitlesta l-imbarkament, il-polza tal-kargu tiġi ppreżentata għall-firma tiegħu, irrispettivament min-nol li effettivament ikun ser jirċievi meta jitlesta t-trasport. Skont din l-istess liġi, din il-kummissjoni ma tistax taqbeż l-10 % tan-nol, għaliex altrimenti jintilef id-dritt għal kummissjoni tal-aġent tan-noleġġ.

14 Min-naħa l-oħra, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta wkoll li l-liġi tas-26 ta' Ġunju 1967 dwar l-istatus tal-persuni anċillari fil-qasam tat-trasport tal-merkanzija ġiet invokata fil-kuntest tal-proċedura fil-kawża prinċipali. Konformement mal-Artikolu 1(1) u (2) ta' din il-liġi, minn naħa, hija meqjusa bħala "kummissjonant tat-trasport" kull persuna li, bi ħlas, tintrabat li twettaq trasport ta' merkanzija u tqabbad f'isimha stess lil terzi sabiex iwettqu dan it-trasport u, min-naħa l-oħra, hija meqjusa bħala "aġent tat-trasport" kull persuna li, bi ħlas, tressaq żewġ persuni jew iktar bil-għan li jikkonkludu bejniethom kuntratt ta' trasport ta' merkanzija u li eventwalment ma tintervjenix fil-konklużjoni ta' dan il-kuntratt ħlief bħala rappreżentant tal-mandanti tagħha.

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

15 Fl-1 ta' Diċembru 2004, DGA, ikklassifikata bħala "trasportatur", ikkonkludiet kuntratt ta' trasport ma' SCR Sibelco NV (iktar 'il quddiem "Sibelco"), bħala klijent, li permezz tiegħu DGA ntrabtet li tittrasporta, permezz tal-passaġġi tal-ilma interni, ramel bejn żewġ punti partikolari fit-territorju Belġjan għall-perijodu bejn l-1 ta' Diċembru 2004 u l-31 ta' Diċembru 2006. In-nol, jiġifieri l-prezz tat-trasport, miftiehem ma ġiex żvelat quddiem il-qorti tar-rinviju.

16 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li DGA ma kellhiex fil-pussess tagħha bastiment għan-navigazzjoni fuq il-passaġġi tal-ilma interni.

17 Fil-bidu tas-sena 2005, DGA nnegozjat ma' S. Mathys, sid ta' bastiment għan-navigazzjoni fuq il-passaġġi tal-ilma interni, in-nol li kellu jitħallas lil dan tal-aħħar għat-twettiq tat-trasport meħtieġ sabiex jiġi eżegwit l-imsemmi kuntratt, liema nol kien jiddependi minn jekk S. Mathys jaċċettax jew le li jintrabat ma' DGA permezz ta' kuntratt qafas.

18 Fl-1 ta' Marzu 2005, wara perijodu ta' prova, DGA kkonkludiet, bħala klijent, tali kuntratt qafas ma' S. Mathys, bħala trasportatur, fir-rigward tat-twettiq minn dan tal-aħħar tat-trasport li, fil-verità, kien jikkorrispondi għall-impenji li DGA kienet daħlet għalihom fil-konfront ta' Sibelco.

19 F'dan il-kuntratt qafas in-nol kien iffissat għal EUR 3.37 għal kull tunnellata ta' ramel ittrasportat, kollox inkluż, bla ħsara għal klawżola ta' aġġustament skont l-evoluzzjoni fil-prezz tal-karburant, filwaqt li kummissjoni ta' 4 % kienet dovuta lil DGA. F'dan il-kuntratt qafas kien speċifikat ukoll li dan il-kuntratt qafas kien qiegħed jiġi stabbilit fuq il-bażi tal-kwantitajiet ta' merkanzija ddikjarati mill-ispedizzjonier, jiġifieri minn Sibelco, u li S. Mathys kien qiegħed jimpenja ruħu li juża l-bastiment tiegħu esklużivament għall-eżekuzzjoni tal-imsemmi kuntratt qafas.

20 Wara li waqqaf unilateralment l-eżekuzzjoni tal-kuntratt qafas imsemmi iktar 'il fuq, S. Mathys fetaħ kawża kontra DGA sabiex tħallsu diversi somom, fosthom somma, li ma hijiex stmata fl-assenza ta' għarfien tal-informazzjoni neċessarja kollha, jiġifieri, essenzjalment, l-ammont tan-nol miftiehem bejn DGA u Sibelco, li jikkorrispondi għad-differenza bejn in-nol imħallas minn Sibelco lil DGA u n-nol imħallas minn DGA lil S. Mathys, fir-rigward tal-kwantitajiet ta' ramel ittrasportati minn dan tal-aħħar, minbarra l-kummissjonijiet eventwalment imħallsa indebitament minnu lil DGA (iktar 'il quddiem il-"kumpens marbut mad-differenza fin-nol"). Min-naħa tagħha, DGA ressqet talba inċidentali sabiex S. Mathys jiġi kkundannat iħallas kumpens għal terminazzjoni illegali ta' dan il-kuntratt qafas.

21 Is-sentenza mogħtija fl-ewwel istanza laqgħat parzjalment it-talba ta' S. Mathys iżda ma tagħtux kumpens marbut mad-differenza fin-nol, u ddikjarat li hija fondata, bħala prinċipju, it-talba inċidentali ta' DGA, filwaqt li ordnat li titwettaq perizja sabiex jiġi stmat id-dannu mġarrab minn din tal-aħħar minħabba t-terminazzjoni tal-imsemmi kuntratt qafas minn S. Mathys.

22 Fil-kuntest tal-appell li huwa ppreżenta kontra din is-sentenza, S. Mathys tenna t-talba tiegħu għal kumpens marbut mad-differenza fin-nol.

23 F'dan ir-rigward, huwa sostna, b'mod partikolari, li l-Artikolu 1(b) tad-Direttiva 96/75 jimplika li huwa biss is-sid jew l-operatur ta' bastiment għan-navigazzjoni fuq il-passaġġi tal-ilma interni li jista' jikkonkludi kuntratt ta' trasport fil-kwalità ta' trasportatur. Għaldaqstant, persuna oħra li ma tkunx tali sid jew tali operatur ma tistax tikkonkludi tali kuntratt f'din il-kwalità u liġi nazzjonali, f'dan il-każ il-liġi tas-26 ta' Ġunju 1967 dwar l-istatus tal-persuni anċillari fil-qasam tat-trasport tal-merkanzija, ma tistax tawtorizza lil persuna li ma tkunx tali sid jew tali operatur sabiex tikkonkludi kuntratt ta' trasport fil-kwalità ta' trasportatur.

24 Huwa sostna wkoll li l-prassi fejn persuna li ma tkunx is-sid jew l-operatur ta' bastiment għan-navigazzjoni fuq il-passaġġi tal-ilma interni tikkonkludi kuntratt ta' trasport ma' spedizzjonier sabiex imbagħad tqabbad lis-sid jew lill-operatur ta' bastiment għan-navigazzjoni fuq il-passaġġi tal-ilma interni sabiex iwettaq il-prestazzjonijiet meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' dan il-kuntratt, u dan f'kundizzjonijiet differenti u għal nol inqas minn dak stipulat fl-imsemmi kuntratt, li barra minn hekk ma jkunux magħrufa minn dan is-sid jew minn dan l-operatur, tmur kontra l-Artikolu 2 tad-Direttiva 96/75.

25 Skont S. Mathys, minn dan jirriżulta li DGA ma għandhiex titqies li hija trasportatur iżda li hija aġent tan-noleġġ, jiġifieri "noleġġatur" fis-sens tal-Artikolu 3 tal-liġi tal-5 ta' Mejju 1936 dwar in-noleġġ fuq ix-xmajjar, b'tali mod li kuntratt ta' trasport kellu jitqies li ġie konkluż direttament bejnu u bejn Sibelco. DGA kienet illegalment ippretendiet li taġixxi fil-konfront ta' Sibelco fil-kwalità ta' trasportatur għas-sempliċi għan li tevita d-dispożizzjonijiet ta' ordni pubbliku li jillimitaw il-kummissjoni li tista' tinkiseb minn aġent tan-noleġġ.

26 Fid-dawl tal-argumenti mressqa minn S. Mathys, il-qorti tar-rinviju tqis li s-soluzzjoni għat-tilwima li għandha quddiemha tista' eventwalment tiddependi mill-kompatibbiltà tal-Artikolu 3 tal-liġi tal-5 ta' Mejju 1936 dwar in-noleġġ fuq ix-xmajjar mad-Direttiva 96/75.

27 F'dan il-kuntest, il-hof van beroep te Antwerpen (qorti tal-appell ta' Antwerpen, il-Belġju) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domanda preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"L-Artikolu 3 tal-Liġi Belġjana tal-5 ta' Mejju 1936 dwar [in-noleġġ fuq ix-xmajjar] huwa konformi mal-Artikoli 1 u 2 tad-Direttiva 96/75/KE sa fejn dak li la huwa sid u lanqas operatur ta' bastiment għall-passaġġi fuq l-ilma interni jikkonkludi bħala trasportatur kuntratt ta' trasport ta' merkanzija permezz ta' passaġġi fuq l-ilma interni u ma jintervjenix bħala intermedjarju 'nolleġġatur' fis-sens tal-Artikolu 3 tal-Liġi dwar [in-noleġġ fuq ix-xmajjar]?"

Fuq id-domanda preliminari

28 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk, fil-kuntest tal-attivitajiet ta' trasport ta' merkanzija permezz tal-passaġġi tal-ilma interni, l-Artikolu 1(b) tad-Direttiva 96/75, sa fejn jiddefinixxi "trasportatur" bħala sid jew operatur ta' bastiment wieħed jew iktar għan-navigazzjoni fuq il-passaġġi tal-ilma interni, u l-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, sa fejn jipprovdi li, f'dan il-qasam, il-kuntratti għandhom jiġu konklużi b'mod liberu bejn il-partijiet ikkonċernati, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali, li tippermetti li persuna li ma taqax taħt din id-definizzjoni tikkonkludi kuntratt ta' trasport fil-kwalità ta' trasportatur.

29 L-ewwel nett, mill-ewwel, mit-tielet u mill-ħames premessi kif ukoll mill-Artikolu 1(a) u mill-Artikolu 2 tad-Direttiva 96/75 jirriżulta li din tal-aħħar għandha l-għan prinċipali li ġġib fi tmiemha sistema speċifika ta' skambju ta' noleġġ li, billi timponi li l-operaturi tal-bastimenti jaħdmu skont min ikun imissu fuq il-bażi ta' prezzijiet ta' trasport stabbiliti minn qabel, kienet tillimita d-dritt tagħhom li jikkonkludu kuntratt mal-klijenti. Din is-sistema kienet meqjusa bħala limitazzjoni għall-iżvilupp u għall-kompetizzjoni tat-trasport tal-merkanzija permezz tal-passaġġi tal-ilma interni fl-Unjoni Ewropea, u l-imsemmija direttiva hija intiża li tilliberalizza s-suq intern f'dan il-qasam billi timponi, b'effett mill-1 ta' Jannar 2000, minn naħa, sistema ta' libertà ta' noleġġ li twarrab is-sistema ta' noleġġ skont min ikun imissu u, min-naħa l-oħra, sistema ta' libertà ta' ffissar tal-prezzijiet tat-trasport li telimina kull sistema ta' ffissar minn qabel ta' prezzijiet tat-trasport vinkolanti.

30 Huwa għalhekk li l-Artikolu 2 tad-Direttiva 96/75 jistabbilixxi r-regola ta' prinċipju ta' din id-direttiva fis-sens li, fil-kuntest tal-attivitajiet ta' trasport ta' merkanzija permezz tal-passaġġi tal-ilma interni, "għandhom ikunu konklużi kontratti b'mod liberu bejn il-partijiet ikkonċernati u prezzijiet għandhom ikunu nnegozjati b'mod liberu". Issa, għandu jiġi kkonstatat li l-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni bl-ebda mod ma tillimita ċ-ċirku ta' persuni li jistgħu jikkonkludu tali kuntratti għal dawk il-persuni biss li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' "trasportatur" prevista fl-Artikolu 1(b) tal-imsemmija direttiva. Billi juża l-kliem "partijiet ikkonċernati" mingħajr ma jiddefinixxihom b'mod iktar speċifiku, l-Artikolu 2 ma jeskludix li persuna li ma jkollhiex il-kwalità ta' "trasportatur", fis-sens ta' dan l-Artikolu 1(b), tista' tikkonkludi kuntratt ta' trasport f'dan il-qasam.

31 Fir-rigward tal-Artikolu 1(b) tad-Direttiva 96/75, li jiddefinixxi l-kunċett ta' "trasportatur", għall-finijiet ta' din id-direttiva, bħala "sid jew operatur ta' wieħed jew iktar bastimenti għall-passaġġi fuq l-ilma interni", għandu jingħad li l-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni bl-ebda mod ma tindika li wieħed għandu jkollu l-kwalità ta' "trasportatur", fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni, sabiex ikun jista' jikkonkludi kuntratt ta' trasport fil-qasam tat-trasport ta' merkanzija permezz tal-passaġġi tal-ilma interni.

32 Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat li d-Direttiva 96/75 tuża l-kelma "trasportatur" biss fl-Artikoli 3 u 6 tagħha, li jikkonċernaw il-perijodu tranżitorju li jidderoga mill-prinċipju stabbilit fl-Artikolu 2 ta' din id-direttiva u li ntemm fl-1 ta' Jannar 2000. Għaldaqstant, id-definizzjoni prevista fl-Artikolu 1(b) tal-imsemmija direttiva tilfet il-portata legali tagħha b'effett minn dik id-data u ma jista' jkollha l-ebda valur legali rilevanti f'kuntest bħal dak fil-kawża prinċipali.

33 Minn dan isegwi li d-Direttiva 96/75 hija limitata speċifikament sabiex tipprojbixxi ż-żewġ elementi karatteristiċi tal-funzjonament tas-sistema tal-iskambju ta' noleġġ skont min imissu, jiġifieri s-sistema ta' tqassim skont l-ordni li fih il-bastimenti jkunu disponibbli u s-sistema tal-prezzijiet iffissati minn qabel. Għaldaqstant, hija ma hijiex intiża li tirregola b'mod ġenerali l-kuntratti ta' trasport ta' merkanzija permezz tal-passaġġi tal-ilma interni.

34 Għaldaqstant, filwaqt li jiġi kkonstatat li d-Direttiva 96/75 bl-ebda mod ma ssemmi l-intervent ta' parti fil-kwalità ta' "aġent tan-noleġġ" jew ta' "noleġġatur" f'kuntratti fil-qasam tat-trasport ta' merkanzija permezz tal-passaġġi tal-ilma interni, din id-direttiva bl-ebda mod ma tirregola l-intervent tal-aġenti tan-noleġġ jew dak ta' persuni oħra li, mingħajr ma jkollhom huma stess il-mezzi tagħhom sabiex jeżerċitaw attività ta' trasport fuq il-passaġġi ta' ilma interni, xorta waħda jintrabtu personalment sabiex jeżegwixxu tali trasport billi jipprevedu li jużaw is-servizzi ta' operatur ta' bastiment. Għaldaqstant, il-klassifikazzjoni, fid-dritt nazzjonali, ta' waħda mill-partijiet f'tali kuntratti bħala "aġent tan-noleġġ" jew "noleġġatur" hija irrilevanti għall-interpretazzjoni tal-imsemmija direttiva.

35 B'hekk, mill-premessi u mid-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 96/75 jirriżulta li din tal-aħħar ma tirregolax u, għaldaqstant, hija kompletament newtrali fir-rigward tal-elementi kollha mqajma permezz tad-domanda preliminari, jiġifieri jekk wieħed għandux ikollu bastiment sabiex ikun jista' jikkonkludi legalment kuntratt ta' trasport ta' merkanzija permezz tal-passaġġi tal-ilma interni fil-kwalità ta' trasportatur.

36 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta li għandha tingħata għad-domanda magħmula hija li, fil-kuntest tal-attivitajiet ta' trasport ta' merkanzija permezz tal-passaġġi tal-ilma interni, l-Artikolu 1(b) tad-Direttiva 96/75, sa fejn jiddefinixxi "trasportatur" bħala sid jew operatur ta' bastiment wieħed jew iktar għan-navigazzjoni fuq il-passaġġi tal-ilma interni, u l-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, sa fejn jipprovdi li, f'dan il-qasam, il-kuntratti għandhom jiġu konklużi b'mod liberu bejn il-partijiet ikkonċernati, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali, li tippermetti li persuna li ma taqax taħt din id-definizzjoni tikkonkludi kuntratt ta' trasport fil-kwalità ta' trasportatur.

Fuq l-ispejjeż

37 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) taqta' u tiddeċiedi:

Fil-kuntest tal-attivitajiet ta' trasport ta' merkanzija permezz tal-passaġġi tal-ilma interni, l-Artikolu 1(b) tad-Direttiva tal-Kunsill 96/75/KE, tad-19 ta' Novembru 1996, dwar is-sistemi ta' kiri [noleġġ] u prezzar fit-trasport nazzjonali u internazzjonali bil-passaġġi fuq l-ilma interni fil-Komunità, sa fejn jiddefinixxi "trasportatur" bħala sid jew operatur ta' bastiment wieħed jew iktar għan-navigazzjoni fuq il-passaġġi tal-ilma interni, u l-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, sa fejn jipprovdi li, f'dan il-qasam, il-kuntratti għandhom jiġu konklużi b'mod liberu bejn il-partijiet ikkonċernati, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali, li tippermetti li persuna li ma taqax taħt din id-definizzjoni tikkonkludi kuntratt ta' trasport fil-kwalità ta' trasportatur.

Firem